



Brussell, 16 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14246/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0202(COD)**

**SOC 700
ECOFIN 1051
FSTR 76
COMPET 769
FIN 887
IA 368
CODEC 1989
CADREFIN 352**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 9701/18 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) - Rapport ta' Progress

I. SFOND

1. Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (dok. 9701/18 + ADD 1)
2. Il-proposta tipprevedi li l-finanzjament mill-FEG ikollu l-għan li jittejbu l-ħiliet u l-impjegabbiltà ta' ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom. Il-ħaddiema jistgħu jiksbu appoġġ mill-Fond meta t-telf tal-impjieg tagħhom ikun mhux biss minħabba xejriet kummerċjali li jinbidlu jew il-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, iżda wkoll għal raġunijiet oħra għal ristrutturar, bħall-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.

Il-proposta tinkludi limitu minimu ta' 250 ħaddiem imkeċċi biex każ ikun eliġibbli, li huwa iktar baxx mil-limitu attwali ta' 500 ħaddiem. Qed jiġi propost li r-rata ta' kofinanzjament tal-FEG tiġi allinjata mal-ogħla rata ta' kofinanzjament FSE + għal Stat Membru partikolari. Il-FEG jibqa' l-istrument speċjali li jippermetti lill-Unjoni tirreaġixxi għal ċirkostanzi mhux previsti.

3. Il-Kumitat tar-Regġuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għadhom ma tawx l-opinjoni tagħhom dwar din il-proposta.
4. Il-Kumitat EMPL tal-Parlament Ewropew mistenni jivvota fuq ir-Rapport dwar il-proposta fis-27 ta' Novembru 2018, segwit mit-tħabbira fil-plenarja tal-Parlament Ewropew, prevista f'Diċembru 2018.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

5. Il-proposta għall-FEG ġiet ippreżentata fil-Kunsill EPSCO fil-21 ta' Ġunju 2018. Fid-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (5 ta' Ġunju, 4 u 23 ta' Lulju, 11 u 27 ta' Settembru, 23 ta' Ottubru, 14 ta' Novembru), il-maġġoranza tal-Istati Membri qiesu l-proposta tal-FEG utli, ħlief uħud mid-delegazzjonijiet li esprimew tħassib dwar l-inizjattiva.
6. Taħt il-Presidenza Awstrijaka sar progress konsiderevoli fid-diskussjoni dwar it-test kollu. L-elementi ewlenin tat-test ta' kompromess li jistgħu jiġu appoġġati mill-maġġoranza tad-delegazzjonijiet, kif jinsabu fid-dokument 12835/18, jinkludi l-emendi li ġejjin:
 - kjarifika tal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-FEG (Artikolu 3),
 - kjarifika fir-rigward tal-esklużjoni ta' każijiet li jirriżultaw minn tnaqqis fil-baġit minn Stat Membru. Id-delegazzjonijiet qiesu l-proposta tal-Presidenza bħala pass fid-direzzjoni t-tajba, filwaqt li ser tkun meħtieġa aktar ħidma (Artikolu 5.4),
 - id-disseminazzjoni tal-ħiliet diġitali għandha tiġi rrakkomandata bil-qawwa pjuttost milli ssir obbligatorja (Artikolu 8),
 - it-tqassir tal-perijodu għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni mill-Kummissjoni (l-Artikolu 9.4),

- it-tħassir tad-dispożizzjoni dwar l-obbligu li l-Kummissjoni tingħata drittijiet rigward il-materjali kollha ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà (l-Artikolu 13.3, mit-tieni paragrafu 'l quddiem),
 - żieda li tipprevedi li r-rata ta' kofinanzjament tal-miżuri tal-FEG tiġi allinjata mar-rata ta' kofinanzjament tal-FSE + "*jew għandha tkun ta' 60 %, skont liema minnhom tkun oġġla*", li tirreferi għar-rata attwali tal-FEG (l-Artikolu 14),
 - simplifikazzjoni tal-indikaturi u r-rekwiżiti, fost l-oħrajn permezz tat-tħassir ta' indikatur fit-tul, uħud mill-indikaturi tar-riżultati u l-istħarriġ tal-benefiċjarji (Artikoli 9, 20 u l-anness).
7. Il-proposta teħtieġ xi ħidma ulterjuri. Għadd ikbar ta' Stati Membri ssuġġerew li l-validità tal-FEG għandha tkun limitati u allinjata mal-perijodu ta' żmien tal-QFP. Diversi Stati Membri appoġġaw l-emendi għas-swieqi tax-xogħol żgħar. F'dan l-istadju ma kienx hemm appoġġ suffiċjenti għal bidliet fil-miżuri eliġibbli u l-klassifikazzjonijiet tagħhom jew it-tħassir tar-referenzi għall-użu ta' atti delegati.
8. F'konformità mal-gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt (dok. 6270/18) id-delegazzjonijiet ġew mitluba jwieġbu l-kwestjonarju dwar il-proposta. Is-sommarju tal-Presidenza dwar il-fehmiet tad-delegazzjonijiet ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fil-11 ta' Settembru 2018 u jinsab fid-dokument 11744/18.
9. Minħabba li r-Regolament propost jagħmel parti mill-pakkett ta' proposti marbutin mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), id-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjonijiet baġitarji jew ta' natura orizzontali twarrbu - u b'hekk ġew esklużi mid-diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma - sakemm isir aktar progress fil-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jidhru bejn parentesi kwadri fit-test, jirrigwardaw il-ġestjoni finanzjarja tajba u l-istat tad-dritt (premessa 35) u l-impenji tal-UE taħt il-Ftehim ta' Pariġi u l-mira ta' 25 % tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU dwar l-azzjoni klimatika (premessa 37).